MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 193/2012

**Il-Pulizija**
**(Maggur J. Micallef Engerer)**
**Vs**
**Clint Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 418987(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-30 ta' Diċembru, 2011 għall-ħabta ta' 4.40 p.m. fil-Marsa

1. saq vettura numru AAJ-864 b'manjiera perikoluża;
2. saq vettura numru AAJ-864 b'manjiera traskurata;
3. saq vettura numru AAJ-864 b'manjiera bla kont;
4. waqt li kien qed isuq vettura numru AAJ-864 naqas li jnaqqas li speed u jieqaf f'post indikat b'sinjal tat-traffiku "Give Way";
5. saq vettura numru AAJ-864 li kienet tarmi duħħan eċċessiv mill-"exhaust pipe";

6. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta’ vettura numru AAJ-864 fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
7. u aktar gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, irrifjuta jew naqas li jaghti kampjun tan-nifs meta kien mitlub li jagħmel hekk skont il-liġi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 t’April, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2), 15A, 15E tal-Kap. 65, l-artikoli 107 L.S 65.11 u L.S 65.08 taqsima 11, illiberat lill-appellant mill-ewwel, il-hames u s-seba` akkużi peress li ma ġewx ippruvati, filwaqt li sabitu ħati tat-tieni, t-tielet, ir-raba` u is-sitt akkużi u kkundannatu għall-ħlas ta’ multa komplessiva ta’ elf u hames mitt Ewro (€1,500) pagabbli fuq medda ta’ sena u skwalifika milli jkollu liċenzja għal żmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta’ April, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, fejn sabet ħtija u l-piena inflitta fuq kemm tal-multa kif ukoll l-iskwalifikazzjoni tal-licenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur u minflok ma ssibux ħati tal-imputazzjonijiet u tilliberah minnhom.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati semgħet il-provi tal-prosekuzzjoni, li xehed biss il-kuntisstabbli PC 1276, fejn qal li l-akkuzat fost affarijiet oħra kien ħareġ minn give way, pero’ meta mistoqsi in kontro-eżami qal wkoll li ma kienx hemm karozzi fil-qrib u l-karozzi kienu ‘l bogħod mill-give way u mill-karozza li kien qiegħed jsuq l-akkuzat. Dawna l-fatti ma jammontawx ghal ‘traskuraġni’ jew ‘traskuraġni kbira jew b’mod perikoluż’ u għaldaqstant ma ġewx provati ai termini ta’ Artikolu 15(1) (a) (2) ta’ Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-istess kuntistabbli PC 1276 qal li kellu suspett li l-akkuzat kien xorob peress li qal li meta kienu l-Marsa, fl-Aldo Moro Street,  kien xamm rieha ta' xorb fuq l-akkuzat u kien qallu li kien ġej minn party tax-xogħol fejn jaħdem l-akkużat u ċioe' bħala impjegat tal-fabbrika tal-Coca Cola.

Illi l-istess kuntistabbli PC 1276 in konto-ezami kien ikkonferma li huwa kien bniedem li beda juri certu tip ta' agittazzjoni, pero` dejjem ikkolabora mal-Pulizija u kien dam żmien konsiderevoli l-għassa tal-Pulizija għaliex bdew jgħidulu sabiex jiehu l-breathalyser test u beda jbiddel il-ħsieb filli jgħidilhom illi ser jieħdu u filli le u bħala spjegazzjoni għaliex ma kien ha t-test l-esponenti kien qalilhom li ma jafdax lil Pulizija.

Illi l-akkuzat ppreżenta in difiża tiegħu ittra ġuramentata mill-Psikologa Dr. Ethel Felice, fejn fi ftit kliem il-Psigologa tispjega l-kundizzjoni li għandu l-akkuzat, liema rapport juri bic-car li l-akkuzat jsofri minn "phobic anxiety disorder" u "he presents with symptoms of fearfulness with somatic symptoms which include palpitations, sweating, tremor and chest pain ".  Dawna is-sintomi gew wkoll ikkolaborati fix-xiehda tal-kuntistabbli pero` dak iż-żmien ma kienx jaf il-kundizzjoni li jbati biha l-akkuzat.  In vista ta' dawna l-fatti u r-rapport, il-Qorti ġustament ma sabitx ħtija tal-akkuza numru sebgħa (7) ai fini tal-proviso ta' artikolu 15E.

Illi l-akkużat tela' jixhed b'diffikultajiet kbar anke minhabba l-kundizzjoni tieghu, u filwaqt li ammetta li kellu party u kien tela'  għaliex kellu jiltaqa' ma' persuna li anke indikaha b'isimha, kien dejjem kostanti u baqa' jgħid li ma kienx xorob.

Illi l-akkużat kieku jista' ma jergax jghaddi mill-esperjenza li jerga' jitla' l-Qorti, pero jhossu aggravat bid-decizjoni, stante li f'ebda hin ma gie pprovat li huwa kien xorob, kien biss suspett li kellu PC 1276 li anke fix-xhieda tiegħu kien jidher li ma kienx daqshekk konvint li l-akkuzat kien xorob u qal li mal-hin beda jinnota li l-attitudni tal-akkuzat ma kienet ta' wiehed li 'jippanikja' u wieħed jista' żgur

jikkonkludi li hija attitudni ferm differenti minn ta’ wiehed li jkun xurban. Illi in vista ta’ dan dina żgur li ma tikkostitwix l-aħjar prova, u hemm dubju ragonevoli jekk kienx hemm u/jew x’kien il-livell tax-xorb. Mill-ezami u l-kontro-ezami tax-xhud wieħed jista’ jikkonkludi li dawna l-akkuzi hargu mill-fatt li skond l-istess xhud, l-akkuzat kien minhabba b’certu maniera mill-give way, u biddel il-karreġġjati meta t-triq kienet kważi vojta u ċioe’ kif qal l-istess xhud li karozzi ‘il bogħod mill-karozza tal-akkużat b’distanza konsiderevoli.

Illi stante li huwa ma kienx xurban huwa jhossu aggravat li ser jitlef il-post tax-xoghol tieghu minhabba is-sospensjoni tal-licenzja u barra minn hekk jkollu jhallas is-somma ta’ elf u hames mitt ewro (€ 1500) multa pagabbli fi zmien sena li l-opinjoni umli tal-esponenti dina l-piena hija eccessiva.

Dwar l-iskwalifa tal-licenzja, huwa minnu li s-subartikolu (2) ta’ Artiku 15H tal-Kap 65 jghid li b’zieda mal-pieni ndikati fis-subartiklu (1), il-Qorti ghandha mal-pieni ndikati fis-subartikolu (1), il-Qorti ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan fil-kaz ta’ l-ewwel kundanna ghal zmien ta’ mhux anqas minn sitt xhur, u fil-kaz tat-tieni kundanna jew ta’ kull kundanna ohra warajha ghal zmien ta’ mhux anqas minn sena. Pero’ mbaghad il-proviso tas-subartikolu tnejn (2) jistipula:
“Izda fil-kaz ta’ kundanna minhabba li persuna ma kienetx f’kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew ghal reat taht l-artikolu 15B, id-dispozzjonijiet ta’ dan is-subartikolu ghandhom jghoddu biss fejn il-proporzjon ta’ alcohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun jaqbez il-limitu preskritt bi tmien mikrogramma jew izjed fin-nifs jew b’ghoxrin milligramma jew izjed fid-demm jew bi tlieta u ghoxrin milli gramma jew izjed fi-urina”

L-artikolu 15(1) jiddefinixxi “l-limitu preskritt” f’kaz ta’ test tan-nifs bhala “(a) 35 mikrogramma ta’ alkohol f’ 100 millilitru ta’ nifs” pero f’dana l-kaz imkien ma jirrizulta li b’xi mod l-appellanti ecceda dana l-limitu ghaliex kull ma kien hemm bazi huwa is-suspett tal-uniku xhud tal-prosekuzzjoni il-kuntistabbli PC 1276.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' PC 1276 Francis Zahra li kien l-uniku xhud quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.[1] Ix-xhud qal lli fit-30 ta' Diċembru 2011, huwa kien ra l-karozza AAG 864 Marka Toyota misjuqa mill-appellant. L-appellant baqa' ħiereġ minn fejn hemm iċ-Ċimiterju tat-Torok fi Triq is-Sabar u baqa' għaddej minn fuq il-'give way'. Ix-xhud żied li kien hemm vetturi viċin tal-appellant u għalhekk il-manuvra perikoluża tal-appellant kienet waħda perikoluża. L-appellant kien ikkopera ħafna mal-Pulizija u kien spjega li kien għaddej minn xi problemi. Deher ippanikjat u kien irrifjuta li jagħmel il-breathalyser test. Kellu riħa ta' alkoħol imma ma kenitx esaġerata.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li kien hemm daqsxejn ta' distanza mill-karozzi l-oħra iżda din ma kenitx xi distanza kbira. Ix-xhud ikkonferma li l-appellant ma kienx għamel il-breathalyser test minħabba li kellu kundizzjona medika.

Ikkonsidrat

L-appellant kien liberat mill-ewwel, mill-ħames u mis-seba' imputazzjoni.
Li m'hemmx dubju li l-appellant ma osservax il-give way u qabad u ħareġ. Ma hemm ebda skuża jekk il-karozza l-oħrajn kinux fil-qrib jew fil-bogħod. Fis-sewqan ma tistax tilgħab mal-fortuna. Ma tistax ma tosservax il-'Give Way' sign' u tibqa' ħiereġ u forsi tiġik tajba. Ikun x'ħin ikun u jkunu għaddejin karozzi jew le, trid tnaqqas l-ispeed u tieqaf f'post indikat b'sinjal tat-traffiku 'Give Way'. **Sewqan fi triq bħal din huwa sewqan traskurat u bla kont ikun xi jkun il-ħin tal-ġurnata u jkun xi jkun l-ammont ta' traffiku.** Għalhekk l-imputazzjonijiet numru (2)(3)(4) kienu ppruvati.

Dwar is-sitt imputazzjoni, jirriżulta mix-xhud tal-prosekuzzjoni li l-appellant kellu riħa ta' xorb għalkemm

[1] L-imputat kein xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali iżda din nix-xhieda ma kenitx irreġistrata.

mhux waħda esaġerata. Ma jistax l-appellant l-ewwel jirrifjuta li jagħmel il-breathalyser test u imbagħad jissottometti li din l-imputazzjoni mhix ippruvata.. Għalhekk, ukoll jekk l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mis-seba' imputazzjoni, ma jfissirx li ma ġietx ippruvata s-sitt imputazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti din l-imputazzjoni kienet ippruvata minn dak li xehed PC 1276.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-aggravju tal-appellant dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt imputazzjoni u dwar l-ammont ta' multa dovuta iżda qed tilqa' parzjalment dik il-parti tal-aggravju dwar l-iskwalifika milli jkollu liċenzja tas-sewqan għaż-żmien indikat fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

**Dwar il-piena**

Id-difiża għandha raġun fis-sottomissjoni tagħha dwar id-dispożizzjoni 15H(2) li fiha proviso li jillimita l-applikazzjoni tal-iskwalifika tas-sewqan f'każijiet biss fejn id-dispożizzjoni 15B tkun inkisret u il-proporzjon tal-alkoħol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun jaqbeż il-limitu preskritt bi tmien mikrogramma jew iżjed fin-nifs jew b'għoxrin milligramma jew iżjed fid-demm jew bi tlieta jew għoxrin milligramma jew iżjed fl-urina. Fil-każ odjern, m'hemmx prova li nqabżu dawn il-limiti. Għalhekk l-iskwalifika mis-sewqan taħt dan l-artikolu ma tapplikax.

Iżda l-appellant instab ħati ta' sewqan b'manjiera traksurata u bla kont, u għalhekk japplika is-subinċiż(2) tal-artikolu 15 li jikkontempla skwalifika ta' mhux anqas minn tliet xhur f'każ tal-ewwel kundanna. It-tieni r-raba' imputazzjoni jistgħu jitqiesu assorbiti fit-tielet imputazzjoni – konkurs formaili- iżda hux hekk l-imputazzjoni numru sitta. Għalhekk għal din tal-aħħar japplika l-konkurs reali.

Il-Qorti fid-decide ser tikkonsidra dawn iż-żewġ artikoli u dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti.

**Decide**

**Għalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fl-10 t'April, 2012 billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħatit tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tas-sitt imputazzjoni, fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel, mill-ħames u mis-seba' imputazzjoni u fejn ikkundannatu jħallas multa ta' €1500 pagabbli fuq medda ta' sena iżda qed tirriformaha fejn skwalifikata mis-sewqan għal żmien sitt xhur u minflok qed tiskwalifikah milli jkollu – liċenzj tas-sewqan għal żmien tliet xhur. L-iskwalifika tibda minn nofs il- lejl u minuta tal- jum tat-2 ta' Novembru, 2013.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------